MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 473/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Bernardette Spiteri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-21 ta' Settembru, 2009 gewwa Jorgie's Restaurant – Sirens Aquatic Sports Club, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 (2) tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tan -1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejtgh

ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostaniz, fixklet, telfet, xeklet jew ghamlet xi haga bil-hsieb li tfixkel, ittellef jew ixxekkel lill-ispettur prezenti u dan billi rrifjutat li tikkopera maghhom waqt l-esekuzzjoni ta’ dmirijiethom, u dan bi ksur ta’ artikoli 79(a) ta’ l-imsemmi Att.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, rrifjutat li tforni lil ispetturi bid-dokumentazzjoni mitluba, u dan bi ksur ta’ artikolu 53(b) u 81 ta’ l-imsemmi att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru, 2010 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 53(b), 79(a) u 81 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta’ sitt mitt Euro (€600.00)

Rat ir-rikors tal-appellanti Bernardette Spiteri pprezentat fl-5 ta’ Novembru, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

Tirriforma is-sentenza appellate billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet minn l-ewwel u t-tieni akkuza u thassarha u tirrevoka fil-kumplament billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-prosekuzjoni rtirat l-ewwel u t-tieni akkuzi mentri l-esponenti rregistrat ammissjoni fuq it-tielet u r-raba akkuza. Illi dan l-appell jirreferi biss ghal piena inflitta peress li l-akkuzi msemmija kien u gew ammessi. Illi b’kull rispett il-piena nflitta kienet esagerata fic-cirkostanzi, meta

wiehed iqis li kull ma kien hemm kliem verbali uzat, l-esponenti qabedet u rregistrat ammissjoni u anke skuzat ruha mal-ispetturi in kwistjoni. Illi wiehed irid jghdi li l-pieni li qed jigu nflitti f'dawn is-seduti qed ikunu harxa wisq u anqas b'kull rispett meta jkun hemm incidenti simili ma' pulizja jew wardens lokali ma' huma qed jigu nflitti dawn it-tip ta' pieni meta jkun hemm talba ghal skuza u ammissjoni. Illi s-seduti distrettwali jkunu mimlija b' akkuzi ta' dan it-tip u verament li tkun imposta mluta anke jekk l-akkuzi ikunu ammessi bhal ma gara hawn, izda hadd ma jehel Euro 600 kif giet ikkundannata l-esponenti! Illi ghalhekk l-esponenti tikkontendi li f'dawna l-akkuzi donnu li l-affarjiet qed jitmexxew b'zelu zejjed favor il-prosekuzjoni u ghalhekk ikun aktar gust u ekwu jekk ikun hemm riduzzjoni fil-multa nflitta sabiex jinholoq bilanc bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi fil-21 ta' Settembru, 2009 l-appellanta Bernardette Spiteri kienet qeghda fil-Jorgie's Restaurant, Sirens Aquatic Sports Club, San Pawl il-Bahar. F'xi hin gew il-VAT Inspectors illi milli jidher hadithom bl-gherra. Dana l-ghaliex kienet ghadha kemm kellha kwistjoni mal-Manager, li hallitha rrabjata w kien proprju f'dak il-mument illi tfaccaw l-ispetturi u kien hemm tivverbju bejnha u bejn l-istess spetturi tal-VAT.

L-appellanta pero` qeghda tallega illi l-piena erogata fil-konfront taghha hija esagerata w anki ghal fatt illi l-ammissjoni tal-akkuza kellha timmitika favur taghha.

Ikkunsidrat

Jibda biex jinghad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti qeghda fil-parametri tal-Ligi. L-appellanta ammettiet l-akkuza w il-Qorti ghaddiet biex taghti l-gudikat taghha minghajr tlef ta' zmien u dana huwa proprju dak illi kellha taghmel.

Fil-kawza “Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta’ Jannar, 1995 l-Qorti qalet ***“fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew fuq il-fatti minnu ammessi, l-Qorti ma setghetx skond il-Ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta’ reat.”***

Il-Qorti tirrileva illi r-rikors tal-appell ma fihx l-esposizzjoni tal-fatti izda mhijiex sejra tiddisponi mir-rikors sempliciment billi tiddikjarah null, ghad illi kellha tfittex diversi partijiet tal-process biex tara dawn il-fatti x’verament kienu.

Dan ifisser ukoll illi l-fatti kif esposti fic-citazzjoni mhumiex kontestati u l-appellanta naqset illi tipproduci ircevuta fiskali permezz ta’ “cash register” kif mitlub mill-ligi. Ma jidhirx li hemm xi skuzanti oltre l-fatt illi l-appellanta kienet dak il-hin irrabjata meta gew l-Ispetturi tal-VAT.

Il-Qorti ma jidhirlix illi ghal dan ghandu jkun hemm xi temperament fil-piena.

Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi. Ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi jkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14-06-1999 u ohrajn).

Kif gja inghad, l-piena erogata hija fil-parametri tal-Ligi u allura mhux il-kaz li dina tigi disturbata.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------